# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 23 ta’ Frar 2001.**

**Numru 31**

**Citaz. numru 3347/96 GCD**

**Paul Cremona u martu Kathleen**

**vs**

**Dr. Antoine Gambin u martu Dr. Nadya O’Flahherty ghal kull interess li jista’ jkollha**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenuti b’dan l-att tac-citazzjoni :-

“Peress illi l-atturi fit-12 ta’ April 1996, sellfu lill-konvenuti brevi manu s-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5.000) liema somma kellha tithallas lura mhux aktar tard minn tlett gimghat mid-data tas-self bl-imghax legali.

Peress illi minn din is-somma thallas biss l-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) w ghad baqa’ bilanc ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000).

Peress illi ghalkemm debitament interpellati biex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjanti.

Peress illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu w dovut.

Jghid ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi w dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u in vista tal-affidavit ta' l-atturi (mmarkat Dokument A) m'ghandux din il-Qorti :-

1. Jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez w bl-imghax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti gew awtorizzati mill-Qorti Civili Prim'Awla biex jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet in kwantu ssodisfaw lil dik il-Qorti illi prima facie kellhom raguni biex jikkontestaw it-talba attrici.

"1. Illi il-kawzali allegata mill-atturi fic-citazzjoni, u cioe' dik ta' self hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, ghax il-versament ta' flus lill-eccipjent ma sarx b'titolu ta' self, imma bhala kontribzzjoni kummercjali komuni li kellha ssir a beneficcju taz-zewg partijiet u thalli profitt lit-tnejn. Ghalhekk il-kawza kif intavolata bazata fuq kawzali ta' self ma treggix u l-eccipjenti ghandu jigu liberati mill-osservanza.

2. Illi lanqas ma hu korrett guridikament li jintqal li l-konvenuti hallsu l-elf lura (Lm1,000) lura bhala hlas akkont tal-istess self, ghax dan il-versament ta' flus, kien dar biss peress li l-attur kellu bzonn urgenti ta' flus minhabba mard, u kien ghalhekk li ghal konsiderazzjonijit umanitarji, ha parti mill-investiment tieghu lura qabel iz-zmien u qabel ma giet konkjuza l-operazzjoni kummercjali.

3. Illi anki kieku kellu jigi rietenut li r-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti kienet wahda ta' mutuu, dan huwa vizzjat u nullu bla effett ghaliex, kif xehed l-istess attur, kien garantit qliegh ta' cirka tlettax fil-mija (13%) fuq firxa ta' hmistax-il jum li jammontaw ghall-imghax astronomiku ta' madwar 338% per annum li hu 330% oghla minn dak permess bil-ligi.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

**DECIDE**

B'sentenza tat-30 ta' Ottubru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Il-kwistjoni bejn il-partijiet f'din il-kawza hija essenzjalment dwar in-natura tal-ftehim li kellhom bejniethom. Il-partijiet jabu li l-atturi taw hames elef lira (Lm5,000) lill-konvenuti, u li l-konvenuti hallsu elf lira (Lm1,000) lill-atturi. L-atturi izda qeghdin jghidu li l-ftehim kien wiehed ta' mutwu, waqt li l-konvenuti qeghdin jghidu li l-partijiet ghamlu negozju kummercjali flimkien, u li s-somma ta' hamest elef lira (Lm5,000) versata mill-atturi kienet l-investiment taghhom f'dan in-negozju. Il-konvenuti jghidu wkoll li l-ftehim kien li l-atturi kellhom jiehdu sehem mill-qligh skond l-investiment taghhom, u li kull parti tbati t-telf jekk in-negozju jmur hazin. In-negozju fil-fatt mar hazin u mhux biss ma halla ebda qligh izda wkoll il-kapital investit ghadu ma ngabarx.
Il-Qorti, wara li semghet lill-partijiet u lix-xhieda, hija tal-fehma li n-negozju bejn il-partijiet kien kif imfisser mill-konvenut, u mhux self kif qeghdin jghidu l-atturi.

Mix-xhieda hareg li, qabel in-negozju meritu ta' din il-kawza tal-lum, kien sar negozju iehor bejn il-partijiet. L-attur kien ta xi flus lill-konvenut sabiex ikunu investiti f'operazzjoni kummercjali tal-

konvenut, u l-ftehiim kien, fi kliem l-attur stess, li l-konvenut jaghti lura lill-attur il-kapital u tlettax fil-mija (13%) fuq il-kapital hekk kif l-operazzjoni kummercjali tintemm. Fil-fatt dik l-ewwel operazzjoni kienet irnexxiet, u l-atturi, hmistax-il jum wara li hargu l-flus, hadu lura l-flus li kienu hargu u tlettax fil-mija (13%) fuqhom.

Xi zmien wara l-konvenut rega' ghamel l-istess proposta lill-attur, u l-attur accetta u tah hmistax elef lira (Lm5,000) bil-patt li jehodhom lura bi qligh fuqhom ta' mhux inqas minn tlettax fil-mija (13%).

Fil-fehma tal-Qorti dan il-patt dwar il-qligh juri li n-negozju bejn il-partijiet ma setax kien wiehed ta' self, ghax li kieku kien hekk l-attur kien jista' jiehu biss, barra mill-kapital, imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, u mhux tlettax fil-mija (13%) wara hmistax-il jum. Waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-atturi qalu li l-ftehim dwar il-qligh ghandu jitqies bhala negozju ghalih, u mhux bhala parti minn negozju l-iehor, li, fil-fehma taghhom, jibqa' wiehed ta' self. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argumenti : Il-*causa* ta' l-obbligazzjoni tal-konvenuti li jhallsu lill-atturi sehem mill-qligh insibuha fil-versament li ghamlu l-atturi ; il-versament li ghamlu l-atturi, ghalhekk huwa marbut ma' din l-obbligazzjoni tal-konvenuti, u minnha jiehu d-definizzjoni tal-karattru tieghi, fis-sens li l-fatt fuq il-versament taghhom l-atturi kienu jippretendu *return* ta' mhux anqas minn tlettax-fil mija (13%) fi zmien hmistax juri li dan il-versament ma setax kien self. Li ghamlu l-atturi kien li hadu sehem f'operazzjoni aleatorja li, minhabba l-*alea*, kien lecitu ghalihom li jiehdu *return* oghla mill-imghax li taghti l-ligi fuq self, u li, izda, appunti ghax aleatorja, tiddependi wkoll fuq ix-xorti tan-negozju. Illum in-negozju mar hazin, izda dan ma jfissirx li l-atturi jistghu, *ex post,* jibdlu n-natura tan-negozju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-talba ta'l-atturi, mibnija fuq il-premessa li huma ghamlu mutwu lill-konvenuti, ma tistax tintlaqa' ghax mutwu ma kienx hemm. Naturalment, id-drittijiet ta' l-atturi taht il-ftehim, li ma humiex il-mertu ta' din il-kawza, jibqghu bla pregudizzju.
Il-Qorti ghalhekk taqta' l-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom."

## **KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Din il-Qorti ezaminat sewwa l-atti tal-kawza, partikolarment ix-xhieda tal-kontendenti, u kkostatat illi ma kienx hemm kontrast ta' sostanza bejn il-verzjonijiet moghtija mill-attur u l-konvenut fir-rigward ta' kif zvolga n-negozju bejniethom. Dan kemm fir-rigward tal-operazzjoni kummercjali li tat lok ghall-prezenti istanza kif ukoll ghall-operazzjoni simili antecedenti li sehhet mill-attur u l-konvenut minghajr ebda inkwiet.

Hekk ittiehed l-ewwel negozju bhala kamjun li precizament jirrifletti l-ftehim bejn il-kontendenti jemergu s-segwenti punti saljenti :-

1. Li n-negozju origina minn domanda tal-konvenut ghal somma kapitali minghand il-konvenut li hu kien jehtieg biex jikkonduci negozju ta' transhipment.

2. Jirrizulta sodisfacentement illi dan in-negozju baqa' essenzjalment tal-konvenut. Kien hu li organizzah, li kkonkludieh, li segwih, li kien responsabbli ghalih u minn imkien ma jirrizulta b'mod definit illi l-attur kellu jippercepixxi <u>minn sehem tal-profitti</u>. Ma jirrizultax li l-attur kien b'xi mod involut fin-negozju li ghalih ikkontribwixxa l-kapital. In-negozju kien jappartjeni unikament lill-konvenut, tant li meta x-xoghol, fit-tieni operazzjoni, allegatament intilef minhabba l-operat kriminuz ta' terzi injoti, kien il-konvenut li kien mistenni li jassumi r-riskju tat-telf u infatti l-istess konvenut bl-ebda mod ma jirrizulta illi ttanta li

addebita xi parti minn dan it-telf ghal fuq l-attur. Il-principju “res perit dominus” kien japplika allura biss ghalih. U dan ex admissis.

3. Jirrizulta pero’ illi l-ftehim kien illi l-konvenut kellu jhallas lill-attur percentagg fuq il-kapital minnu lilu avvanzat. Percentagg kalkulat b’rata li kellu jkun certament in eccess ta’ dak tar-rata ta’ imghax permessa bil-ligi – infatti fl-ewwel operazzjoni l-attur kien ircieva tlettax-il mija “interessi” - u kien qed jistenna rata simili fuq it-tieni operazzjoni anki jekk din ma kienitx ben precizata. Hemm ukoll qbil bejn il-partijiet li jirrizulta pruvat illi l-pagament ta’ din ir-rata ta’ “profitt” kellha tithallas meta tispicca l-operazzjoni u mhux bit-tant fis-sena. Il-kliem “interessi” u “profitt” huma uzati hawn bi skop proprju ghaliex l-atturi jinsistu li l-operazzjoni kienet wahda ta’ self li fuqha huma kellhom jippercepixxu imghax, filwaqt illi l-konvenuti jeccepixxu illi l-operazzjoni kienet wahda ta’ negozju bi shab li kellha trendi profitti li fihom l-atturi kellhom jippartecipaw.

4. Hu pruvat ukoll, u dan hu stabbilit bla ebda dubju, illi l-konvenut qatt ma cahad li hu kien debitur tal-atturi fis-somma kapitali riklamata f’dan l-att ta’ citazzjoni. Jirrizulta infatti li hu rrilaxxa favur l-attur f’diversi okkazjonijiet diversi cekkijiet li jkopru dan l-ammont li pero’ ma gewx onorati l-Bank. Hi gusta l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti illi l-kwistjoni bejn il-kontendenti f’din il-kawza kienet essenzjalment l-identifikazzjoni tan-natura tal-ftehim li huma ghamlu bejniethom.

Din il-Qorti, wara debita konsiderazzjoni, waslet ghall-konkluzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti. Waslet ghall-konvinciment illi n-negozju kellu aktar minn natura ta' kuntratt ta' self fejn l-attur kien il-mutwant li ssellef kapital lill-konvenut billi minn natura ta' kuntratt ta' partecipazzjoni f'xi forma lis-socjeta' kummercjali li fiha l-attur pogga a riskju l-kapital minnu avvanzat.

L-artikolu 1842 tal-Kodici Civili jiddefinixxi l-mutu li huwa self ghall-konsum bhala kuntratt li bih wahda mill-partijiet tikkonsenja lill-ohra xi kwantita' ta' hwejjeg li jintemmu bl-uzu bl-<u>obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk iehor tal-istess xorta u kwalita'</u>. L-artikolu 1843 jipprovdi illi bis-sahha ta' dan is-self min jissellef isir sid il-haga mislufa u t-telfa ta' din il-haga b'kull mod li tigri jbatiha hu. Is-sub-inciz 1 imbaghad tal-artikolu 1844 jipprovdi illi l-obbligazzjoni li tohrog minn self ta' flus hija, fil-kazijiet kollha, tal-istess somma fin-numru li tkun imsemmija fil-kuntratt.

Issa mill-fatti kif irrizultaw pruvati fil-kaz taht ezami, din il-Qorti hi sodisfatta illi certament il-konvenut obbliga ruhu li jrodd lill-attur is-somma li giet lilu avvanzata indipendentement mill-ezitu tan-negozju. Mhux biss dan jirrizulta pruvat mix-xhieda imma hu avvalat u konfermat mill-fatt illi l-istess konvenut :-

(a) Beda jirrestitwixxi l-kapital lilu avvanzat billi hallas elf lira akkont mis-somma ta' hamest elef lira moghtija lilu fl-operazzjoni mertu ta' din il-kawza. L-eccezzjoni tal-konvenut illi hu kien hekk ghamel minhabba ragunijiet umanitarji ma kien bl-ebda mod konvincenti. Waqt li mhux eskluz li setghet kienet din ir-raguni li mmotivat il-pagament, certament il-konvenut ma kienx hekk ihallas kieku kien qed jirritjeni illi d-debitu ma kienx minnu dovut.

(b) Dan l-argument hu msahhah ukoll mill-fatt illi, f'diversi okkazjonijiet, l-istess konvenut irrilaxxa favur il-konvenut numru ta' cekkijiet biex ikopru l-ammont reklamat f'din l-istanza liema cekkijiet ma kienux gew onorati mill-Bank.

Din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti ma tatx importanza debita lil dawn ic-cirkostanzi fattwali li fil-fehma taghha jikkostitwixxu mhux biss ammissjoni da parti tal-konvenuti tad-debitu taghhom favur l-atturi imma wkoll jikkostitwixxu prova inkonfutabbli fir-rigward tan-natura tan-negozju konkluz bejniethom. Indubjament il-fatt li l-konvenut irrilaxxa dawn it-titoli ta' kreditu f'forma ta' cekkijiet jikkostitwixxi prova mhux biss tal-intenzjoni tal-konvenut illi jhallas id-dejn tieghu imma wkoll li l-istess konvenut fil-fatt ha passi biex jaffetwa l-pagament tieghu. Wiehed kellu jipprezumi, inmankanza ta' prova kontrarja, illi l-konvenut kien qed jagixxi in buona fede meta rrilaxxa dawn id-dokumenti bankarji li gew mill-attur prezentati ghall-pagament lill-Bank tal-konvenut li rrifjutahom

bid-dikjarazzjoni solita "refer to drawer". Frazi din li soltu tfisser li ma kienx hemm fondi fil-kont tal-konvenuti adegwati biex ikopru dawn l-assenji.

(c) Cirkostanza ohra li jidher li eludiet lill-Ewwel Qorti hu l-fatt illi hafna minn dawn ic-cekkijiet inhargu fis-sena 1997 u cioe' fiz-zmein meta diga' kienu in corso l-proceduri ta' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Fatt dan li, unit m'ohrajn, kellu jwassal ghall-konvinciment illi kien x'kien il-ftehim tan-negozju bejn il-kontendenti, dan certament ma kienx jipprospetta illi l-kapital avvanzat, kif pruvat, mill-attur lill-konvenut ma kien fl-ebda mument imqieghed ghal riskju u kien hemm il-ftehim definit bejn il-partijiet illi dan kellu jigi f'kull kaz restitwit lill-attur mill-konvenut kien x'kien l-ezitu tan-negozju li fih l-istess konvenut impjega l-kapital lilu, b'din il-kundizzjoni, avvanzat mill-attur. Dan l-obbligu ta' restituzzjoni inkondizzjonata li bih il-konvenut intrabat li jrodd lura dan l-istess ammont kapitali lill-attur li avvanzawhulu, jinkwadra l-kuntratt bejniethom fl-elementi ta' self ghall-konsum kif definit fl-artikolu 1842 tal-Kodici Civil.

Konsegwentement il-konvenut li ssellef kapital sar sid tieghu u t-telfa tal-istess kapital, b'kull mod li grat, kellu ibatiha hu. Kif effettivament jammetti li hekk kellu jkun tant illi apertament ha l-passi biex jirrestitwih lil min kien avvanzahulu. Din il-Qorti allura tasal ghall-konkluzjoni illi dak li kien tpogga ghar-riskju bejn il-partijiet fin-negozju minnhom

konkluz kien l-imghax li kellu jkun dovut fuq dan il-kapital. Kien biss f'dan ir-rigward li l-attur kien ha riskju. Kien hawn biss li ntrometta ruhu l-element alejatorju. Jidher infatti li r-rata tal-imghax qatt ma kienet wahda definita u hu stabbilit illi dan kien jiddependi mill-ezitu tan-negozju li kien ser jidhol ghalih wahdu l-konvenut. Kien hemm indikazzjoni illi l-imghax kellu jkun simili ghal dak li l-konvenut kien hallas lill-attur fl-ewwel operazzjoni bejniethom – mhux meritu dan ta' din il-kawza – u cioe' ta' cirka tlettax fil-mija. F'dan il-kontest pero' xejn ma kien definit. Ir-rata ma kienitx determinata kif lanqas ma kienu determinati l-kriterji kif tali rata kellha tigi fissata u l-modilitajiet tal-pagament. F'dan kollu l-konvenut jidher li kien gwidat b'aspettattiva bazata fuq il-fiducja.

Indubjament f'dan ir-rigward, huwa ha riskju li fil-fehma ta' din il-Qorti, mic-cirkostanzi kollha kif irrizultaw pruvati, setghu wkoll ghall-konkluzjoni illi f'kaz illi negozju intrapriz mill-konvenut ifalli, l-ebda imghax ma kien ikun dovut fuq il-kapital avvanzat proprju ghaliex jidher pacifiku illi l-imghax kellu jkun relatat, anke jekk b'mod vag mas-success jew falliment tal-operazzjoni. Operazzjoni kummercjali li, kif inghad, hu pacifiku li bl-ebda mod ma kien involut fih l-attur.

Inkonkluzjoni allura jirrizulta lil din il-Qorti illi l-konvenuti kienu obbligati li jirrestitwixxu l-kapital lill-atturi, anke kif minnhom espressament ammess. Kien biss pero' dovut imghax fuq dan il-kapital mill-mument li

fih l-atturi, una volta ezawrit in-negozju intrapriz mill-konvenut, interpellaw ufficjalment lill-konvenuti biex jirrifondu l-ammont lilhom dovuti u cioe' id-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni lill-konvenuti fit-3 ta' Dicembru 1996. Imghax naturalment dekoribbli bir-rata legali.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh, u s-sentenza appellata revokata. Konsegwentement it-talba attrici qed tigi milqugha kif dedotta b'dan illi l-imghax ser jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni fit-3 ta' Dicembru 1996 sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom ikunu a karigu tal-appellati.

Dep/Reg

mg